# Aħbar Tajba



Dewt 8, 2-3.14b-16a
Salm 146 (147), 12-13.14-15.19-20
1 Kor 10, 16-17
Ġw 6, 51-58

"Dan huwa l-ħobż li niżel mis-sema; mhuwiex bħal dak li kielu **missirijietkom u mietu; min jiekol dan il-ħobż jgħix għal dejjem."**

"Għandi bżonnha bħall-ħobż!" Qatt smajt lil xi ħadd juża din l-espressjoni? X'taħseb li tfisser? Għalkemm illum ħafna jħeġġuna biex nikkontrollaw il-kwantità ta' ħobż li nieklu, din l-espressjoni twieldet fi żmien meta l-ħobż kien l-ikel l-aktar bażiku. Kien żmien li fih il-biċċa l-kbira tan-nies kienu jgħixu f'ċertu faqar u l-ħobż kien l-uniku ikel li bih setgħu jsostnu lilhom infushom. Ftit kien ikollhom ikel bnin u sustanzjuż u allura kienu jieklu l-ħobż biex jixbgħu. Għalhekk din l-espressjoni nużawha meta rridu nirreferu għal xi ħaġa li ma nistgħux ngħaddu mingħajrha.

B'din f'moħħna nistgħu nifhmu aħjar ir-raġuni għaliex Ġesù għażel il-ħobż meta ġie biex iħallilna l-Ewkaristija. F'ħajtu sar kollox għal kulħadd. Qatta' ħajtu jgħallem u jgħin lil kull min kien jiltaqa' miegħu, speċjalment dawk li ma kellhom lil ħadd. Fl-Aħħar Ċena ried iħallilna sagrament biex dak li kien jagħmel f'ħajtu ma jiqafx. Qalilna li l-ħobż u l-inbid li nippreżentaw fil-quddiesa jsiru ġismu u demmu. B'hekk, mhux biss ikun jista' jibqa' magħna, imma aħna nkunu nistgħu nġorruh ġewwa fina.

Fl-Ewkaristija, mal-wegħda li Ġesù jibqa' magħna, hemm ukoll sejħa biex aħna ninbidlu u nsiru nixbhuh. Bl-Ingliż hemm l-espressjoni "You are what you eat", u allura jekk fina hemm Ġesù, ftit ftit nibdew ninbidlu fih. Għax il-qawwa speċjali tal-Ewkaristija hi li bil-mod il-mod tibdilna biex insiru nixbhuh. Mhux biss meta naqsmu mill-affarijiet li għandna mal-oħrajn, iżda aktar minn hekk meta nitgħallmu nagħtu lilna stess lill-oħrajn – meta nagħtu mhux biss xi ħaġa minn dak li għandna, iżda noffru l-ħin tagħna, it-talenti tagħna, u ħafna affarijiet oħra li jagħmluna l-persuni li aħna.

Għalhekk ejjew fil-jiem li ġejjin nippruvaw nagħtu aktar importanza lil dan is-sagrament tal-Ewkaristija. Ara li tieħu sehem b'mod sħiħ fil-quddiesa u ftakar li Ġesù jkun dejjem qed jistenniek fis-sagrament tal-Ewkaristija – kuljum. Meta ma tlaħħaqx tisma' quddiesa, sib ftit ħin biex tgħaddi l-Knisja u tqatta' ftit ħin titlob fis-skiet. Fittex ukoll li tagħmilha ma' nies li jistgħu jqarrbuk lejn l-Ewkaristija billi tingħaqad ma' xi għaqda fil-parroċċa tiegħek. Għax tassew li kull wieħed u waħda minna, lil Ġesù 'għandna bżonnu bħall-ħobż', biex fil-mumenti diffiċli li fihom naħslu naqtgħu qalbna, jidħol hu għalina.

Sib il-Kelma

**Fost l-ittri t'hawn taħt għandek issib dawn il-kelmiet moħbija marbuta mas-silta li għadna kif qrajna. Aqbad lapes u dur dawn l-ittri biex issib il-kliem mistur.**
JIENA, ĦOBŻ, ĦAJ, NIŻEL, SEMA, JGĦIX, DEJJEM, AĦĦAR, JUM, MISSIERI, IKEL, XORB

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| J | IE | N | U | K | M | I | S | S | IE |
| Ġ | A | D | A | Ħ | N | A | Ħ | A | R |
| W | A | E | Ħ | D | A | T | A | S | S |
| E | W | J | GĦ | I | X | O | R | B | N |
| N | S | J | L | I | B | E | N | L | I |
| A | A | E | GĦ | I | X | S | S | IE | Ż |
| T | M | M | I | S | S | IE | R | I | R |
| A | W | J | K | T | R | S | J | U | M |
| N | E | A | E | S | N | I | IE | U | M |
| J | L | Ħ | L | T | I | M | N | R | E |
| E | S | Ħ | O | B | Ż | Ħ | A | J | N |
| L | A | A | I | S | E | M | A | A | T |
| I | W | R | O | L | L | N | L | T | I |


"Dan huwa l-ħobż
li niżel mis-sema;
mhuwiex bħal dak li
kielu missirijietkom
u mietu;
min jiekol
dan
il-ħobż
jgħix
għal
dejjem."



**Minn kliem il-Papa Franġisku**

"Ejjew nitolbu għall-paċi, imma ejjew inkunu aħna l-ewwel li naħdmu biex inġibu l-paċi kull fejn inkunu, nibdew mid-djar tagħna stess."

Min jaf kemm-il darba għedt it-talba li tibda bil-kliem 'Mulej agħmilni strument tal-paċi tiegħek...' Qiegħed tkun strument ta' paċi kull fejn tkun – fid-dar tiegħek u ma' sħabek?

Aħbar **Tajba** hija inizjattiva tal-Media Centre flimkien mal-Fondazzjoni YOUTHEME u tiddependi mill-ħidma ta' diversi voluntiera u benefatturi. Għandna bżonn ukoll ta' ħafna talb biex din il-ħidma tħalli l-frott mixtieq. Min jixtieq jgħin, finanzjarjament, bit-talb jew b'xi ħidma oħra jista' jibagħtilna fuq

**info@sayitmalta.com**

Grazzi.





**AGĦŻEL PRODOTTI LI JIBDLU ĦAJJET IN-NIES GĦALL-AĦJAR!**

**AGĦŻEL IL-KUMMERĊ ĠUST**



**SAY IT!**

**ĦANUT TAL-KUMMERĊ ĠUST**

www.sayitmalta.com - info@sayitmalta.com

32 Tarxien Road Paola

mediacentre

design • video production • animation • publishing • web






**Promozzjoni**

Issa tista' tirreklama fuq

Aħbar **Tajba**

Dan il-fuljett joħroġ kull ġimgħa u jitqassam fil-parroċċi kollha ta' Malta u Għawdex.

Ċemplilna fuq 2569 9100 jew ibgħatilna email fuq info@sayitmalta.com



**AĦBAR TAJBA** hija pubblikazzjoni tal-Media Centre flimkien ma' SayIt Publications u YouTheme Foundation. Min jixtieq jagħti kontribuzzjoni finanzjarja jew jordna aktar kopji ta' dan il-fuljett jista' jibagħtilna *email* fuq *info@sayitmalta.com* jew iċempel fuq 2569 9100.

mediacentre YOUTHEME FOUNDATION